MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-19 ta' April, 2005

Rikors Numru. 150/2005

Kawza fil-lista: 3

**John Scicluna, fil-kwalita' tieghu ta' Chairman, ghan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni Telemalta**
**Vs**
**Paul Tabone**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ppremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit Nru 1243/90AM) giet deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Ottubru 1991, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas il-Maltacom p.l.c. s-somma ta' Lm3485.44 (tlett elef, erba' mija, hamsa u tmenin Liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku 339107.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm275.07 (mitejn, hamsa u sebghin Liri Maltin u seba' centezmi) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument A kif ukoll Lm3485.44 (tlett elef, erba' mija u hamsa u tmenin Liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-11 ta' Jannar 2005, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm7245.93 (sebat elef, mitejn, hamsa u erbghin Liri Maltin u tlieta u disghin centezmi) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta' esponenti ghandha nteress illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta nota risposta u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------